MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 199/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Aquilina talli, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud:

(1) ghan-nom u in rapprezentenza ta’ Beland Band Club – Misrah ir-Repubblika – Zejtun u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, fis-27 ta’ Settembru 2009 fil-bar ta’ l-imsemmi ghaqda li jinsab go l-istess fond, naqas, jew hu

jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta’ cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu imhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 ta’ l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82(2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

(2) fl-istess zmien u fl-istess post, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu li jaghti jew jipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82(2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

(3) naqas li jzomm kopji tar-ricevuti mahruga skond it-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partita 1(g) tal-Hdax-il Skeda li tinsab ma’ l-istess Att u l-artikolu 76(b) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 76(b) u l-partita 1(g) tal-Hdax-il Skeda tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma sabitx lill-imsemmi Anthony Aquilina hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u lliberatu minnha, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, u sabitu hati tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu multa ta’ tmien mitt euro (€800);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Anthony Aquilina pprezentat fl-10 ta’ Mejju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti taghha li permezz taghha gie lliberat mill-ewwel imputazzjoni flimkien ma’ dik il-parti tas-sentenza li

permezz taghha t-tieni mputazzjoni giet dikjarata bhala wahda alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, tghaddi sabiex tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha gie misjub hati tat-tielet imputazzjoni u, minflok, tilliberah mill-istess tielet imputazzjoni u minn kull htija u piena jew, fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1)(a) li l-ewwel Qorti jidher li sabet htija dwar it-tielet imputazzjoni sahansitra ghal dak li seta’ gara qabel is-27 ta’ Settembru 2009 u sahansitra qabel is-26 ta’ Lulju 2009, izda dan ma setghetx taghmlu stante li c-citazzjoni tirreferi ghas-27 ta’ Settembru 2009. Ghalhekk jekk it-tielet imputazzjoni tirreferi ghaz-zmien ta’ qabel is-27 ta’ Settembru 2009, dik l-imputazzjoni hija nulla; (1)(b) minghajr pregudizzju, li l-appellant ma kellux obbligu jzomm l-ircevuti msemmija peress illi ma kellux il-gestjoni tal-bar; (2) minghajr pregudizzju ghall-premess, li l-piena hija eccessiva.

B’referenza ghall-ewwel ilment din il-Qorti tirreferi fl-ewwel lok ghall-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi: **“Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta’ l-akkuza, bil-partikularitajiet ta’ zmien u ta’ lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.”** Issa, bit-tielet imputazzjoni l-appellant qieghed jigi akkuzat li naqas li jzomm kopji tar-ricevuti mahruga skond it-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partita 1(i) tal-Hdax-il Skeda. L-imputazzjoni wehidha ma taghtix partikularitajiet la ta’ “zmien” u lanqas ta’ “lok” fejn allegatament sehh ir-reat, u lanqas ma tuza l-frazi “fl-istess zmien u fl-istess post”

bhalma jinghad fit-tieni imputazzjoni. Ciononostante, din it-tielet imputazzjoni trid tinqara flimkien maz-zewg imputazzjonijiet precedenti u ghalhekk li r-reat kontemplat fit-tielet imputazzjoni allegatament sehh ukoll fis-27 ta' Settembru 2009 u dan fil-bar tal-Beland Band Club, f'Misrah ir-Repubblika, Zejtun.

Minn qari tas-sentenza jidher car illi l-ewwel Qorti accettat bhala ppruvat il-fatt li f'dik id-data l-appellant ma kellux il-gestjoni tal-bar u li r-responsabbilta` kienet ta' Anthony Cassar li mieghu l-Ghaqda Muzikali Beland ghamlet ftehim ghall-kiri tal-bar b'effett mis-26 ta' Lulju 2009. Ghalhekk hija lliberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni stante li din hija imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel wahda. Stranament pero` mbaghad sabet htija ghat-tielet imputazzjoni wara li qalet li "ma ngabet l-ebda prova mill-imputat biex juri li l-gestjoni tal-bar, u l-konsegwenti responsabbilta` ghall-cash register qabel is-26 ta' Lulju 2009 kienet f'idejn terzi." Ic-citazzjoni kienet tirrigwarda l-gurnata tas-27 ta' Settembru 2009 biss. Kieku t-tielet imputazzjoni kienet qed tirreferi ghal data antecedenti, u b'mod partikolari ghal data "qabel is-26 ta' Lulju 2009" kif sostniet l-ewwel Qorti, dan kellu jinghad fl-imputazzjoni. Ghalhekk, galadarba l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant hati talli naqas, ecc. li jaghti rcevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali, ma setax jinstab hati li f'dik il-gurnata ma zammx kopja ta' l-ircevuta. Stante li din il-Qorti sejra konsegwentement tiddikjara lill-appellant mhux hati wkoll tat-tielet imputazzjoni, m'hemmx lok li jigu kkunsidrati l-ilmenti l-ohra.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u kkundannatu multa ta' tmien mitt euro (€800), u minflok tiddikjarah mhux hati tat-tielet imputazzjoni u minnha tilliberah, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------